



0066/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-regolamentazzjoni tas-suq tal-ħalib

Miguel Viegas (GUE/NGL), Maria Lidia Senra Rodríguez (GUE/NGL), João Ferreira (GUE/NGL), Ángela Vallina (GUE/NGL), José Bové (Verts/ALE), Marc Tarabella (S&D), Fabio De Masi (GUE/NGL), João Pimenta Lopes (GUE/NGL), Neoklis Sylikiotis (GUE/NGL), Takis Hadjigeorgiou (GUE/NGL)

Data ta' skadenza: 12.12.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar ir-regolamentazzjoni tas-suq tal-ħalib¹

1. F'dawn l-aħħar snin, għexieren ta' eluf ta' produtturi tal-ħalib fl-UE kollha ġew imġiegħla jabbandunaw il-produzzjoni.
2. Is-sitwazzjoni kritika li qed jiffaċċja s-settur tal-ħalib ġejja l-iżjed mil-liberalizzazzjoni sħiħa tiegħu, u huwa evidenti li s-soluzzjonijiet ippreżentati sal-lum mhumiex adegwati.
3. Hemm hteġa urġenti ta' miżuri li jaġġustaw il-provvista għad-domanda u ta' mekkaniżmu għall-allokazzjoni tad-drittijiet ta' produzzjoni bil-għan li tiġi riżolta d-diskriminazzjoni li teżisti bħalissa.
4. Hemm hteġa urġenti li jiġi miġġieled id-dumping fost l-Istati Membri.
5. Il-Kummissjoni hija għalhekk mistiedna tistudja l-hteġa li jinħolqu strumenti pubbliċi għar-regolamentazzjoni tal-produzzjoni u ta' swieq li jiżguraw prezzijiet ġusti għall-produtturi, billi jitqiesu kemm l-ispejjeż tal-fatturi produttivi kif ukoll il-prezzijiet tal-konsumaturi, sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-valur miżjud tul il-katina tal-valur tas-settur, filwaqt li tiġi evitata l-konċentrazzjoni u l-intensifikazzjoni tal-produzzjoni u jiġi żgurat id-dritt ta' kull Stat Membru li jipproduċi.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.